

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Rati Tal-imgħax](#) > [Gibraltar](#)

Rati tal-imgħax

Ġibiltà

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

L-imgħax statutorju huwa r-rata tal-imgħax li l-liġi tippreskrivi li tista’ tiġi applikata għal talba pendenti għal somma flus. Il-liġi ta’ Ġibiltà tipprovdi li mgħax statutorju jiġi applikat f’każijiet xierqa.

2 Jekk iva, x’inhu/x’inhi l-ammont / ir-rata u x’inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

<i>L-ammont/ir-rata tal-imgħax statutorju</i>	<i>Il-kriterji għall-applikazzjoni tal-imgħax statutorju (jekk ikun meħtieġ, pereżempju dewmien, kuntratt mal-konsumatur, eċċ.)</i>	<i>Il-bażi legali</i>
8 %	Meta ma tapplika l-ebda rata tal-imgħax statutorju jew rata tal-imgħax kuntrattwali oħra, kreditur jista’ jitlob imgħax bir-rata preskritta għal djun bħal dawn minn żmien għal żmien fil-Qorti Superjuri (High Court) fl-Ingilterra - fil-preżent din hija rata annwali ta’ 8 %.	L-Artikolu 36 tal-Att tal-1960 dwar il-Qorti Suprema (Supreme Court Act 1960) L-Ordni tal-2000 dwar id-Djun tas-Sentenzi (Rati tal-Imgħax) (Judgment Debts (Rates of Interest) Order 2000)
8 % ogħla mir-rata bażi stabbilita mill-Gibraltar Savings Bank għal tfaddil fil-ġurnata meta d-dejn ikun sar dovut.	In-negozji u l-korpi tas-settur pubbliku għandhom dritt statutorju li jitolbu mgħax fuq ħlas tardiv ta’ dejn kummerċjali.	L-Att tal-2003 dwar il-Ħlasijiet Tardivi ta’ Dejn Kummerċjali (Imgħax) (Late Payments of Commercial Debt (Interest) Act 2003)

3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Għal ċerti djun, l-imgħax jista’ jintalab mid-data meta s-somma tkun saret dovuta sad-data meta tinħareġ it-talba kif ukoll bl-istess rata sad-data tas-sentenza. L-imgħax jista’ jintalab ukoll mid-data tas-sentenza bir-rata preskritta għal djun bħal dawn minn żmien għal żmien fil-Qorti Superjuri (High Court) fl-Ingilterra - fil-preżent din hija rata annwali ta’ 8 %. Japplika biss l-imgħax sempliċi.

4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

Il-leġiżlazzjoni rilevanti tinsab fil-ħoloq li ġejjin:

L-Att tal-1960 dwar il-Qorti Suprema (Supreme Court Act 1960)

L-Ordni tal-2000 dwar id-Djun tas-Sentenzi (Rati tal-Imgħax) (Judgment Debts (Rates of Interest) Order 2000)

L-Att tal-2003 dwar il-Flasijiet Tard ta' Dejn Kummerċjali (Imgħax) (Late Payments of Commercial Debt (Interest) Act 2003)

■ L-aħħar aġġornament: 11/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.